Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TA' l-ERBGĦA U ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 16 ta' Marzu 2011

**Ħin:** Mis-5.40pm sat-7.12pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello (wasal fis-5.40pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Il-Kunsillier Trevor De Giorgio (wasal fis-5.40pm)
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tlieta u Erbgħin laqgħa Aġġornata tas-Sitt Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tlieta u Erbgħin laqgħa Aġġornata tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 23 ta' Frar 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tat-Tlieta u Erbgħin laqgħa Aġġornata tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 23 ta' Frar 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti.

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara li fl-aħħar laqgħa l-Kunsill talab li tingħata kwotazzjoni biex issir manutenzjoni wara sena fuq l-istatwa ta' Santa Marija, mill-istess persuna li tefgħet il-kwotazzjoni, hija kienet qed tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-*file* tal-kwotazzjonijiet li fih l-istima mitluba, li ġġib id-data tat-28 ta' Frar 2011 u tammonta għas-somma ta' €250 (mehmuza).

   Fuq mozzjoni tas-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier Trevor Degiorgio, il-Kunsill unanimament approva li jagħti x-xogħol ta' restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija lill-Ms Ross li tefgħet l-unika kwotazzjoni għal dan ix-xogħol, liema kwotazzjoni kemm għar-restawr ta' l-istatwa kif ukoll għal-manutenzjoni wara sena, l-Kunsill jikkunsidra raġonevoli.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li għad trid tikseb kwotazzjonijiet għal-armar ta' l-iscaffolding madwar l-istatwa peres li dawn kien għadhom ma nkisbux minħabba li hi kienet indisposta.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet jekk sarx il-bank fil-gazebo. Il-Kunsillier J. Cassar innota li ma kienx sar.

4. Il-Kunsillier. Trevor Degiorgio qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill l-kuntratt li ġie ffirmat dwar l-iskema ta’ Attivita’ Sportiva 2011 (mehmuz) peres li huwa attenda għal-*launching* li saret fil-11 ta’ Marzu 2011.

5. Il-Kunsillier Trevor Degiorgio nforma lill-Kunsill illi huwa attenda għas-smiegħ ta’ applikazzjoni PA5942/08 *Consideration of modification/Revocation of development permits in accordance with article 77 of Dev. Planning Act: Change of use from underutilised space to art studio & coffee bar & fixing of sign site at Triq il-Providenza, c/w Triq it-Tliet Knejjes.*

   Il-Kunsilier Trevor Degiorgio nforma lill-Kunsill illi l-permess ġie approvat u jista jkollu 4 imwejjed fuq żewġ livelli u kien ħareġ għal-*wine bar*. Il-Kunsillier Trevor Degiorgio nnota li jista jkun li l-quddiem min jopera l-*wine bar* jitlob li jinħareġ permess mid-Dipartiment ta’ l-Artijiet biex iqiegħed imwejjed u siġġijiet fit-triq u jekk dan ikun il-kaz id-Dipartiment ta’ l-Artijiet tikkonsulta mal-Kunsill qabel ma toħroġ il-permess. Huwa nnota li jekk issir din it-talba huwa kien qed jgħid bil-quddiem li huwa ma jaqbilx ma dan għax l-arja hija waħda residenzjali. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea qal li huwa jaqbel ma dak li qed jgħid il-Kunsillier Trevor Degiorgio. Is-Sindku nnota li huwa mhux ser jieħu sehem fid-diskussjoni peres li huwa joqgħod fl-arja u ma jrid lill ħadd jgħid li qed jitkellem għax l-materja tolqot lilu bħala resident.

6. Il-Kunsillier Trevor Degiorgio li kien issekondat mis-Sindku talab li l-Kunsill jiddiskuti b’urġenza l-ittra mill-OPM dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għal-fondi ERDF. Il-Kunsill unanimament qabel li jiddiskuti din il-materja. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-ittra li tidher fil-korrispondenza bin-numru 284 (mehmuza).

   Is-Sindku beda biex rringrazzja lill-Kunsillier Trevor Degiorgio u lis-Sinjura Degiorgio li kienet ħadmet mas-Segretarju Ezekuttiv meta l-Kunsillier kellu jsiefer fuq xogħol, talli ħadu ħsieb li jissottomettu l-applikazzjoni għal-fondi ERDF 205 u l-Kunsill issa ħa fondi biex l-pjazza tar-raħal u toroq li jmissu magħħha jingħtaw wiċċ ġdid u jsir *heritage trail*.

   Il-Kunsillier Trevor Degiorgio qara l-ittra punt punt u l-Kunsill unanimament approva kull kundizzjoni li saret mill-PPCD. Il-Kunsill irid jiddiskuti kif ser ikejjel ir-rizultati, punt 5 ta’ l-ittra. Il-Kunsillier Trevor Degiorgio nnota li trid tintbagħat *letter of acceptance* tal-kundizzjonijiet li saru u ssir laqgħa mal-PPCD.

7. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet lis-Sindku jekk kellux xi *feedback* x’jagħti wara l-laqgħa li saret mal-Perit tal-Kunsill fit-2 ta’ Marzu fuq il-kwistjoni ta’ kif jitħallas għal-*contract management.* Is-Sindku nnota li l-Perit Bezzina rrefera għal-paġni 42, *item* 3 u paġna 43 *item* 7. F’dan il-ħin is-Segretarju Ezekuttiv talbet li tkun skużata biex iġġib il-kuntratt imsemmi sabiex tkun tista sseġwi r-raġunament. Is-Sindku nnota li l-Perit kien qed jinsisti li l-fatt li l-kuntratt kien fiħ dawn iż-żewġ rati kien ifisser li jrid japplikhom it-tnejn. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li r-raġuni li l-kuntratt fih żewġ rati separati kien għaliex jista jagħti l-kaz li l-Kunsill ikun irid stima biss biex jikkunsidra jagħmilx ix-xogħol, għalhekk kienet saret *item* 7.

   Is-Segretarju Ezekuttiv innutat illi kieku s-Sindku nformha dwar dan qabel il-laqgħa kienet titlob parir ta’ l-avukat tal-Kunsill biex tkun ippreparata għal-laqgħa, minkejja dan xorta waħda talbet lill-Kunsill jitlob il-parir ta’ l-avukat peres li r-risposta ser teffettwa xogħolijiet futuri li jordna l-kunsill. Is-Sindku min naha tiegħu qal li huwa ħass li ladarba s-Segretarju

Ezekuttiv kienet indisposta wara li għamlet operazzjoni, ma ħasibx li kienet prudenza li jiddisturbha d-dar.

F'dan il-ħin, is-Sindku talab l-opinjoni tal-Kunsilier Trevor Degiorgio li minn naha tiegħu qal li milli jista jara mill-kuntratt il-perit kellu raġun. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hija kienet 100% ċerta milli qed tgħid, hija reġgħet talbet lill-Kunsill jieħu l-parir ta' l-avukat tal-Kunsill.

F'dan il-ħin il-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Trevor Degiorgio ppropona li l-Kunsill iħallas il-kont tal-perit *in full* kif ipprezentaħ mingħajr ma jintalab il-parir ta' l-avukat tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li jitħallas il-kont *in full* kif ġie pprezentat.

## 3. <u>Korrispondenza.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn l-24 ta' Frar 2011 u s-16 ta'Marzu 2011 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tas-16 ta' Marzu 2011 (mehmuz).

**Ittra Numru 291/11:** L-emajl mid-DLG dwar ħlas għal-*internet accounts*. Il-Kunsill unanimament approva li jħallas għal-*internet accounts* għaż-żewġ impjeġati.

**Ittra Numru 290/11:** L-emajl mid-DLG dwar dak li ġara fil-25 ta' Frar ġiet moqrija u nnutata mill-Kunsill. Il-Kunsillier Trevor Degiorgio talab lis-Segretarju Ezekuttiv ma tiktibx "Kunsillier, Dr. T. Degiorgio" imma "Kunsillier Trevor Degiorgio" kemm fil-minuti kif ukoll fil-korrispondenza.

Il-Kunsillier Trevor Degiorgio qal li xtaq jgħid li mhux veru li s-Sindku ma għamel xejn għax is-Sindku kien ċempillu u qallu biex jikkalma. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li meta rat li s-sitwazzjoni fl-uffiċju kienet teħtieġ tikkalma u għalhekk kienet qabdet it-telefon u ċemplet lis-Sindku, damet iċċempel fuq il-*mobile* imma ma weġibx u sallum stess ma semgħet xejn mingħandu dwar il-kaz.

Is-Sindku qal li dakinhar ta' l-inċident huwa ċempel fl-uffiċċju tal-Kunsill, t-telefon wieġbitu l-iskrivana u sema ħafna għajjat. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hija ma kienitx taf li ċempel għax l-iskrivana ma nfurmatiex li jrid jkellem lill xi ħadd u fil-fatt ma tkellem ma ħadd dak il-ħin.

Il-Kunsillier Trevor Degiorgio qal li huwa xtaq jispjeġa dak li ġara u cioe' li kien l-MEPA fuq il-kaz ta' applikazzjoni 5942/08 u s-Sur Pierre Grech Pillow ressaqlu lment li hemm katusa wara waħda mit-Tliet Knejjes li kienet miksura u meta tagħmel ix-xita joħroġ l-ilma minnha. Huwa bagħat emajl lis-Segretarju Ezekuttiv biex tieħu azzjoni u wara ftit is-Segretarju Ezekuttiv bagħtet emajl lill-Kappillan tiġbidlu l-attenzjoni għal-ħsara u titolbu biex jirranġa l-katusa. Huwa ħass li s-Segretarju Ezekuttiv għaġġlet wisq u kiteb lura lill-Kappillan biex ma jieħux azzjoni qabel ma jivverifika jekk hux veru l-ilment peres li mill-esperjenża tiegħu seta ma kienx veru. Huwa ċempel l-uffiċċju u ġara dak li ġara. Huwa rrabja li s-Segretarju Ezekuttiv qatatlu t-telefon għalhekk tela' l-uffiċċju mal-Viċi-Sindku biex ladarba ma riditx tisimgħu fuq it-telefon tisimaw fl-uffiċċju.

Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li l-Kunsillier ma aġixxiex sew meta bagħat dik l-ittra lill-Kappillan għax kien qed jimmina l-awtorita' tas-Segretarju Ezekuttiv u dik kienet ir-raġuni għaliex qatgħetlu t-telefon. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hija infurmat lill-Kunsill f'diversi okkazjonijiet fil-passat li jekk il-Kunsill mhux kuntent bil-*performance* tagħha kull ma jrid hu li jgħidilha u hi kienet tħalli l-kariga, imma ma kienitx lesta li toqgħod għal-trattament bħal ma

semmiet speċjalment minn kunsillier li suppost jaf aħjar bħala *employer* u ħasset li kien naqas bil-kbir. Jekk il-Kunsillier ħass li għaġġlet flok bagħat dik l-ittra messu ċempel u kellimha u kien ikun jaf imbad li hija taf il-post sew u li resqet l-ilment lill min huwa kkonċernat. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li lmenti jaslu ħafna u kull ilment jiġi derigut lill min huwa responsabbli biex jieħu azzjoni, hija staqsiet lill kunsillier jekk hux behsiebu joqgħod jikteb lill kulħadd biex ma jieħux azzjoni bħal ma għamel f'dan il-kaz.

Il-Kunsillier Trevor Degiorgio qal li talab skuza għal-għajjat fl-uffiċċju imma ma kienx behsiebu jitlob l-ebda skuza għal-ittra li bagħat għax huwa jħoss li aġixxa sew. Is-Segretarju Ezekuttiv ma qablitx miegħu li mexa sew, din mhiex ħaġa aċċettabbli u ma ssir ma l-ebda impjeġat aħseb wara minn Kunsillier fil-konfront ta' Segretarju Ezekuttiv li skond il-liġi huwa l-Kap Amministrattiv, Ezekuttiv u Finanzjarju tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Trevor Degiorgio għamel referenza għal-telefonat oħra li għamel lis-Segretarju Ezekuttiv meta hija kienet indisposta, dwar il-*flooding* ta' Triq Idmejda fejn hu qal li qatatlu. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li mhux veru li qatetlu kif spjeġatlu fir-risposta ta' l-emajl li huwa bagħat wara l-kaz. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Kunsillier kien qed jaġġel u jiġġudika mingħajr biss ma jikkunsidra l-fatt li fejn kienet is-Segretarju Ezekuttiv hemm *reception* ħazina tal-*mobile* u lanqas biss setgħet tifhmu sew imma meta mingħalija li spiċċat il-konversazzjoni kien hemm qbil li jibgħat l-ittra, għalhekk kienet ferm sorpriza li bagħat dik l-emajl jakkuza li qatetlu!

Is-Sindku qal li huwa jixtieq, jekk il-Kunsill jaqbel, li l-materja titħalla għal-laqgħa li jmiss peres li l-ittra li ntbagħtet mid-DLG kienet ingħatat lill kull kunsillier ftit minuti biss qabel il-laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata risposta għall-ittra fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill innota li l-kunsillieri jirriżervaw id-dritt li jirrispondu għal-ittra b'mod personali wara l-laqgħa.

**Ittra Numru 289/11:** L-emajl mill-AKL dwar Intact Summer School ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li jipproponi lis-Sinjorina Charlene Giordimaina.

**Ittra Numru 288/11:** L-emajl mill-AKL li turi lista ta'*bus shelters* li l-Kunsilli applikaw għalihom. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tistaqsi għal-kjarifika peres li hemm toroq imsemmija li fihom il-Kunsill ma talabx li ssir applikazzjoni għal-*bus shelter*.

**Ittra Numru 287/11:** L-emajl mid-DLG dwar riklamar fuq Jum il-Ġonna ġiet innutata.

**Ittra Numru 284/11:** L-emajl mil-PPCD dwar l-allokazzjoni ta' fondi *ERDF 205 – Regenerating Balzan Square and Implementing a Tourist Heritage Trail* ġiet innutata.

**Ittra Numru 281/11:** L-emajl minn Transport Malta dwar talba għal-*Slow Signs* fi Triq Antonio Bosio li ma ġietx milqugħa ġiet innutata.

**Ittra Numru 274/11:** L-ittra mid-DLG dwar *Appraisal Report* u *Performance Bonus* tas-Segretarju Ezekuttiv liema rakkomandazzjoni tal-Kunsill Lokali ġiet approvata mid-Direttur, Gvern Lokali ġiet innutata.

**Ittra Numru 247/11:** Il-permess minn Transport Malta biex jitqiegħdu *Priority Over Traffic from Opposite Direction in Triq Guze Bonnici, Balzan* ġie nnutat.

**Ittra Numru 246/11:** Il-permess minn Transport Malta biex jitqiegħdu *Area Prone to Flooding Signs in Balzan Valley, Balzan* ġie nnutat.

**Ittra Numru 208/11:** Il-permess minn Transport Malta għal-*double yellow lines* in Triq iz-Zekkuk ġie nnutat. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kitbet lill-TM biex tiġbed l-attenzjoni li t-talba li saret ma kienitx fuq il-post kif ġie indikat fil-permess.

Il-Kunsillier Trevor Degiorgio nnota li n-National Flood Relief Project ġie approvat mill-MEPA.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni li ngħatat mid-ditta Josies Bathrooms għax-xiri ta' 5 *toilet roll holders* għal-latrina pubblika, kwotazzjoni li tammonta għas-somma ta' €500. Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni.

Il-Kunsillier Trevor Degiorgio qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ittra li ngħatat lilu minn residenti li ġġib id-data tal-25 ta' Frar 2011 dwar applikazzjoni numru PA 4120/10 (mehmuza).

4. **Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2010.**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2010 (mehmuz).

Ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2010 kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

5. **Diskussjoni dwar l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għar-Restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija –S.M.3/10.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed l-*file* li fih l-iskedi tal-kwotazzjonijiet li ntefgħu fir-rigward tar-restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija (mehmuz). Għad-deċizjoni li ttieħdet wieħed għandu jirreferi għal-artiklu 1, taħt "Mill-Minuti".

6. **Diskussjoni dwar l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għal-Wireless CCTV camera Ġnien Joseph A. Stellini – W.C. 1/10.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed l-*file* li fih l-iskedi tal-kwotazzjonijiet li ntefgħu fir-rigward tal-Wireless CCTV camera (mehmuz).

Is-Sindku nnota li ladarba ma ġietx stallata l-*wi-fi* fil-pjazza ma kienx jista jieħu deċiżjoni dwar is-*cctv camera*. Il-Kunsill ser jiddiskuti l-kwotazzjonijiet fil-laqgħa li jmiss.

7. **Kunsill Lokali Żagħżagħ.**

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kunsill illi f'dan l-istadju l-Kunsill Lokali Żgħażagħ ma kellux x'jipprezenta lill-Kunsill.

8. **Rapport dwar l-ilmenti.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti pendenti li jġib id-data tas-16 ta' Marzu 2011 (mehmuz). Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li ma kelliex bżonn risposti mill-Kunsill għal-ilmenti pendenti f'dan l-istadju.

## 9. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tas-16 ta’ Frar 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta’ €19,105.06.

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Trevor Degiorgio li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 10. Affarijiet Oħra.

1. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill rapport intitolat *Six-Monthly Periodic Review of Risk Assessment for Balzan Playing Field*, rapport li jġib id-data ta’ l-14 ta’ Marzu 2011 (mehmuz). Ir-rapport innota li l-bandli għandhom bżonn manutenzjoni urġenti għax il-boltijiet kienu ħierġin u li hemm bżonn li jitqiegħdu xi tabelli. Il-Kunsill talab li jsir ix-xogħol meħtieġ b’urġenza.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Management Letter* li ġġib id-data tat-23 ta’ Frar 2011. Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill Kunsill li ma kelliex ċans tipprepara risposta peres li kienet indisposta u ma kelliex ċans tara l-ittra u saret taf li l-ittra waslet il-bieraħ meta daħlet lura għax-xogħol.

   **il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea kien skuzat fis-7.05pm u talab li jitnizzel fil-minuti li kien qed jagħmel dan b’oġġeżżjoni għal-punt numru 10,3 tal-Management Letter.**

3. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill is-SEAP Report. Kopja ngħatat lill kull kunsillier l-ġurnata ta’ qabel il-laqgħa, għaldaqstant ma kienx hemm ċans li wieħed jaqra r-rapport. Il-Kunsill unanimament qabel li r-rapport jiġi diskuss waqt il-laqgħa li jmiss.

4. Il-Kunsillier Trevor Degiorgio rreferi għal-Intelligent Energy Europe Project u ppropona li l-Kunsill jipparteċipa u li l-Kunsill japprova li l-persuna li tirrapprezenta lill-Kunsill tkun dik li tintgħazel mill-kumplament tal-Kunsilli. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta u talab lis-Segretarju Ezekuttiv tinforma lill-MEUSAC bid-deċizjoni.

5. Il-Kunsillier Trevor Degiorgio informa lill-Kunsill illi huwa tkellem ma Joseph Chetcuti li qal li ma jridx ħlas biex idoqq il-vjolin wara l-quddiesa ta’ Jum Ħal Balzan u tkellem mal-Kappillan li aċċetta li l-quddiesa ssir fid-9.30am flok fit-8.30am. Il-Kunsill unanimament approva li l-proġramm ta’ dakinhar ikun kien miftiehem u cioe’ quddiesa fid-9.30am, daqq ta’ vjolin u prezentazzjoni tal-Premju Ġieħ Ħal Balzan.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 13 ta’ April 2011 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data